MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 611/2000/1

**Rita Niggar**

**vs**

**Sami Ibrahim Niggar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici u l-konvenut izzewgu fit-22 t'April 1999 u minn dan iz-zwieg ma twieled l-ebda wild;

Illi dan iz-zwieg falla irrimedjabbilment minhabba nkompatibilita` ta' karattru u minhabba eccessi, sevizzi u ngurji gravi da parti tal-konvenut;

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni bejn il-partijiet permezz ta’ digriet tas-Sekond’Awla ta’ din il-Qorti fit-18 ta’ Jannar 2000 (Dok. “RN1”).

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba nkompatibilita` ta’ karattru kif ukoll minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut;

2. Tigi xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-kontendenti;

3. Jigu likwidati l-assi ta’ l-imsemmija komunjoni;

4. L-assi hekk likwidati jigu maqsuma bejn il-kontendenti f’partijiet ugwali u hekk assenjati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri fis-Sekond’Awla kontra l-konvenut li jibqa` mharrek ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 5 tal-process;
Rat il-verbali tat-8 ta’ Novembru 2000 fejn l-attrici talbet l-awtorizzazzjoni sabiex tinnotifika lill-konvenut wara l-hinijiet legali u l-Qorti laqghet it-talba; tal-21 ta’ Frar 2001; ta’ l-20 ta’ Settembru 2001; tas-26 ta’ Gunju 2002 fejn l-attrici talbet li ssir in-notifika *ai termini* ta’ l-artikolu 187(3) tal-Kap. 12 u l-Qorti laqghet it-talba; tat-12 ta’ Dicembru 2002 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju; u tas-27 ta’ Mejju 2003 fejn Dr. Christine Bondin ghall-attrici ddikjarat li m’hemm xejn x’jigi likwidat u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-3 ta’ Gunju 2003.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici ta’ l-10 ta’ Novembru 2000 fejn talbet lill-Qorti sabiex tawtorizzaha tinnotifika lill-konvenut permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni;

Rat id-digriet ta' l-10 ta' Jannar 2001 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat l-avviz tal-5 t'April 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace;

Rat in-nota ta' l-attrici fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess u ta' missierha, Raymond Mercieca;
Rat li ghalkemm il-konvenut gie notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smigh tal-kawza, huwa ma pproduca l-ebda nota t'eccezzjonijiet u ghalhekk huwa kontumaci;

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju tal-5 ta' Marzu 2003;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Fl-affidavit taghha stess, l-**attrici** tghid:-

*"Illi jien iltaqt mal-konvenut madwar erba` snin ilu meta kelli wiehed u ghoxrin sena. Ahna ltqajna l-Footloose u huwa kien ittantani. Ghall-ewwel li bdejna nohorgu flimkien ma kienx qalli li kien Gharbi, anzi qalli li kien ta' nazzjonalita ohra. Sa fejn niftakar jien qalli li kien Amerikan jew Kanadiz. Peress li kien jitkellem Ingliz tajjeb u peress li qalli li jismu Sammy jien emmintu. Wara xi gimgha imbaghad qalli l-verita`, izda peress li kont ingbidt lejh ma tlaqtux.*

*Illi wara xahrejn li konna ltqajna hu qalli biex nizzewgu sabiex hu seta` jahdem hawn Malta. Wara sirt naf ukoll li l-visa tieghu kienet diga` skadieltu, meta staqsieni biex nizzewgu. Jiena qbilt u ghamilna l-karti biex nizzewgu. Fil-fatt xahar wara zzewigna. Ahna zzewigna bir-Registru. Hu lanqas ried jizzewweg skond it-rit Musulman. Sakemm*

*izzewigna jien ghidtlu jigi jghix ghand il-genituri tieghi biex ma jonfoqx kera. Pero` nispjega li ma konniex norqdu fl-istess kamra. Lanqas ghal dik il-gimgha li konna nghixu flimkien wara li zzewigna konna norqdu fl-istess kamra, minhabba li missieni religjuz hafna u sakemm ma konniex mizzewgin bil-Knisja hu ma niedx li jkollna x'naqsmu flimkien.*

*Illi bejn hamest ijiem u gimgha wara li zzewigna hu telaq minn Malta. Qalli li ried izur il-familja tieghu. Hu ma qallix biex immur mieghu. QaIli wkoll biex ma nghidx lil ommu li kont il-mara tieghu meta ncempel. Hu dam tlett xhur barra minn Malta. Cempel darba kif wasal u qatt ma rega` cempel. Jien kemm-il darba ppruvajt incempillu, izda qatt ma sibtu.*

*Illi wara tlett xhur gie lura d-dar u qalli li diga` kien ilu xi ftit granet hawn Malta minghajr lanqas biss avzani. Peress illi ianqas tani ahbaru tul dawn it-tlett xhur, jien ma accettajtx li jerga` jigi jghix mieghi.*

*Illi minn dakinhar l-unika kuntatt li kelli mieghu kien meta gieli rajtu Paceville u kellimtu dwar li-kawzi li ghadna l-Qorti. Jien bhalissa qed nohrog ma' guvni iehor. Bdejt nohrog mieghu madwar erba` xhur ilu u cjoe` wara tlett snin li nfridna.*

*Illi ahna m'ghandna l-ebda propjeta` jew flus in komuni. Hu qatt ma tani xi forma ta' manteninent u lanqas jien ma tajtu."*

Illi **Raymond Mercieca**, missier l-attrici, fl-affidavit tieghu jghid:-

*"Illi jien nigi missier l-attrici Rita Niggar. Nghid illi meta sirt naf li t-tifla kienet qed tohrog m'Gharbi ma hadtx gost u ppruvajt inhassrilha, izda hi dahhlitha f'rasha li tibqa' mieghu u tizzewgu. Qabel ma zzewgu, Rita talbitni biex lil dan l-Gharbi nraqduh ghandna ghax ma kienx qed ilahhaq ma' l-ispejjez tal-flat. Nixtieq nghid illi qabel ma gie jghix ghandna kien jahdem il-gimgha shiha. Wara li gie jghix ghandna naqqqas ghal erbat ijiem, imbaghad ghal tlett*

*ijiem u imbaghad ma kien jahdem xejn. Jien kont nilmenta mieghi li ma kien jaghmel xejn.*

*Illi meta waslu biex jizzewgu jien ghidtlu li ma kienx ser jorqod mat-tifla sakemm ma jizzewgux bil-Knisja. Wara li zzewgu ried jorqod maghha izda jien fakkartu f'dak illi konna ftehmna. Sa fejn naf jien qatt ma raqdu flimkien.*

*Illi wara ftit li zzewgu huwa telaq minn Malta u mat pajjizu. Rita kienet tipprova iccempillu barra minn Malta izda ma kenitx taqbdu. Il-familjari tieghu dejjem kienu jghidulha li kien hareg.*

*Illi wara xi xhur rega gie u qalli "Fejn hi l-mara?" Jien ghidtlu li ma kellux mara ghax hu lanqas biss kien baghtilha karta biex jghidilha x'kien sar minnu. Meta lqajtu hekk hu ssugerixxa li lil Rita ma jkelllihiex, imma hu jibqa' jghix maghna. Jien wegibtu "Mela qed tiggenen".*

*Irrid nghid ukoll illi darba kien qal lil Rita li kien xoghol. Hi marret tfittxu u sabitu m'Gharbi iehor qed ikellem zewg tfajliet."*

**ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI**

Illi din hija kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet li mill-provi prodotti fil-process u riportatti aktar il-fuq jirrizulta li dan in verita` kien zwieg ta' konvenjenza peress li l-partijiet izzewgu bl-iskop uniku sabiex il-konvenut jkun jista' joqghod Malta, tant li wara li zzewgu biss civilment kull ma l-partijiet ghamlu flimkien kien biss terminu ta' hamest ijiem sa gimgha, ghaliex wara l-konvenut siefer, gie lura wara tlett xhur, izda l-partijiet bl-ebda mod ma ghexu aktar flimkien u r-relazzjoni jidher li spiccat qabel ma bdiet.

Illi fil-kuntest ta' dan kollu u minhabba l-fatt li l-konvenut qatt ma deher li ried jghix mal-konvenuta, tant li litteralment bhala fatt abbandunaha, jidher li s-separazzjoni ta' bejn il-partijiet ghandha tigi pronunzjata ghar-ragunijiet indikati mill-attrici fic-citazzjoni minnha prezentata.

Illi kull konsiderazzjoni dwar komunjoni hlief ghall-fatt li tali komunjoni ghandha tigi dikjarata xolta hija superfluwa stante li fil-ftit jiem li l-kontendenti ghamlu flimkien jidher car li m'akwistaw xejn ta' valur u ftit setghu jakkwistaw f'terminu daqshekk qasir, u dan kollu jikkonferma wkoll li dan ma kien xejn hlief zwieg ta' l-isem.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, u filwaqt li tichad it-tielet (3) u r-raba' (4) talba *stante* li l-imsemmija komunjoni ma kellha xejn ta' valur u allura m'hemm xejn x'jigi likwidat u diviz, **tilqa' l-ewwel zewg talbiet attici** b'dan illi:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba nkompatibilita` ta' karattru kif ukoll minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenut konsistenti f'eccessi, sevizzi u ngurji gravi da parti tieghu.

2. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti b'effett mill-1 ta' Mejju 1999;

3. Tichad din it-talba stante li kif inghad m'hemm xejn x'jigi likwidat bhala l-assi ta' l-imsemmija komunjoni;

4. Tichad ir-raba' talba *stante* li kif premess m'hemm xejn x'jigi maqsum bejn il-kontendenti u ghalhekk xejn x'jigi assenjat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri fis-Sekond'Awla kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------